MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 1105/2011

**Emanuel Borg, Nicholas Borg, Carmelo Borg, Joseph sive Guzeppi Borg**

**Vs**

**Maria Axiaq**

Din il-kawza titratta talba sabiex l-atturi jinghataw is-sehem rizervat mill-wirt ta' ommhom Nicolina Borg li mietet fil-11 ta' Marzu 2010. L-atturi qeghdin jitolbu sabiex il-qorti:

1. Tiddikjara li l-atturi ghandhom jedd ghall-hlas ta' ammont ta' flus rapprezentanti s-sehem rizervat mill-wirt ta' ommhom Nicolina Borg.
2. Tillikwida s-sehem rizervat ossia il-legittima spettanti lill-atturi rikorrenti skond il-ligi fuq il-gid ta' ommhom Nicolina Borg.
3. Tordna li dan l-ammont jithallas mill-konvenuta bl-imghax li jibda jiddekorri mid-data tal-prezenti.
4. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' hlas tas-sehem rizervat f'dik id-data, hin u lok li jigu ffissati mill-qorti flimkien ma' kuraturi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci.
5. F'kaz li s-sehem rizervat ma jithallasx in kind, tordna l-bejgh bl-irkant tal-beni sabiex mir-rikavat jithallas is-sehem rizervat.

Jirrizulta li l-wirt ta' Nicolina hu regolat minn testment tas-26 ta' April 1969 u testment unica charta tan-Nutar Dr Philip Saliba tal-14 ta' Novembru 1973.

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fis-16 ta' Dicembru 2011 il-konvenuta wiegbet:

1. Ir-rikors guramentat hu nieqes minn dikjarazzjoni li l-fatti mnizzla huma maghrufa personalment u dan bi ksur tal-Artikolu 156(1) tal-Kap. 12.
2. Il-fond fis-Siggiewi ma jifformax parti mill-wirt ta' Nicolina Borg u ghalhekk m'ghandux jitqies ghal finijiet ta' din il-kawza.
3. L-ammont dovut lill-atturi bhala sehem rizervat, ma thallasx ghaliex m'hemmx qbil dwar kemm ghandu jkun.
4. Skond l-Artikolu 648(b) tal-Kodici Civili, il-valur ta' beni li testatur ikun iddispona minnu b'donazzjoni ghandu jkun skond il-valur tal-beni fil-mument tad-donazzjoni. F'dan il-kaz il-valur kien ta' 10,000. Ghalhekk is-sehem rizervat ghandu jigi kkalkolat fuq dan il-valur.
5. Ir-raba' talba m'hijiex mehtiega biex isir hlas tas-sehem rizervat.

Bejn il-partijiet m'hemmx kontestazzjoni li:-

i. Id-divergenza hi limitata ghall-valur ta’ nofs indiviz ta’ porzjon art fil-kontrada ta’ Hax-Xluq, imsejha Bur it-Tork, Siggiewi li kienet proprjeta’ ta’ omm il-kontendenti. Ghal finijiet tal-ghoti tas-sehem rizervat m’hemmx gid iehor x’jigi kkunsidrat[1].
ii. Is-sehem inghata lill-konvenuta b’att ta’ donazzjoni pubblikat fil-15 ta’ Mejju 2009 min-nutar Dr Mario Bugeja (fol. 11). Il-valur dikjarat kien ta’ ghaxart elef ewro (€10,000).
iii. Fil-5 ta’ Ottubru 2010 l-atturi rrinunzjaw ghall-wirt b’dikjarazzjoni li saret fil-Qorti Civili, Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja (fol. 6). Il-konvenuta hi werrieta tal-omm u ma jirrizultax li rrinunzjat ghall-wirt.
iv. Gialadarba l-atturi ghazlu li jiehdu s-sehem rizervat, il-konvenuta ghandha thallashom ammont ta’ flus[2]. M’hemmx qbil dwar is-somma li ghandha tithallas.

1. B’riferenza ghall-ewwel eccezzjoni hu minnu li fir-rikors guramentat m’hemmx dikjarazzjoni li l-atturi jafu personalment bil-fatti dikjarati fih. Pero’ dan m’ghandux iwassal ghal xi nullita’ u l-konvenuta ma sofriet l-ebda pregudizzju. F’kull kaz l-atturi taw ix-xhieda taghhom permezz ta’ affidavit u hu evidenti li tista’ tghid li kkonfermaw l-istess affarijiet li qalu fir-rikors guramentat.

2. B’digriet (3 ta’ Lulju 2012 – fol. 85) il-qorti nkarigat lill-perit Joseph Ellul Vincenti sabiex *“jaghmel stima tal-valur ta’ nofs l-ghalqa limiti tas-Siggiewi, kontrada ta’ Hax-Xluq msejha ta’ Bur it-Tork tal-kejl superficjali ta’ cirka 2011 metri kwadri u kif deskritta fil-kuntratt ta’ donazzjoni li sar fil-15 ta’ Mejju 2009 pubblikat min-nutar Mario Bugeja….. L-istima ghandha tkun tirreferi ghall-valur tal-art.”*.

Il-perit tekniku rrelata (fol. 95-97) li fil-fehma tieghu nofs il-valur tar-raba’ kien ta’ hamsin elf ewro (€50,000) fiz-zmien

[1] Ghalkemm fir-rikors guramentat u fin-nota prezentata fil-15 ta’ Frar 2012 ssemma fond fis-Siggiewi, sussegwentement l-atturi kkonfermaw li ma kienx parti mill-wirt ta’ ommhom (ara dikjarazzjoni li ghamlu l-atturi b’nota prezentata fil-21 ta’ Gunju 2012 – fol. 84).
[2] Ara korrispondenza li kull parti pprezentat.

li saret id-donazzjoni. Il-konsiderazzjonijiet li ghamel il-perit tekniku jinkludu:

*"…. Permezz ta' makkinarju modern, il-barriera tal-gebel tista' terga' tinfetah ghall-qtugh ta' blat, dejjem jekk wiehed jakkwista l-permess mill-MEPA u f'kaz li l-blat hu tajjeb ghal qtugh ta' blat."*.

Fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2012 xehed:

*"Fil-fehma tieghi jekk tnehhi l-konsiderazzjoni tal-barriera,… nofs indiviz taghha ma ghandux valur ta' inqas minn Ewro 40,000."*.

Il-konvenuta rribattiet billi pprezentat rapport guramentat imhejji mill-perit Carmelo Cacopardo, xhud li m'huwiex dikjarat fil-lista tax-xhieda. Skond il-perit Cacopardo l-valur ta' nofs indiviz l-ghalqa hu ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000). Fir-rapport ta r-ragunijiet ghalfejn fil-fehma tieghu m'huwiex prudenti li wiehed iqies li l-art tista' tintuza bhala barriera.

Meqjusin ir-rizervi li l-perit tekniku stess ghamel dwar jekk l-art tistax tintuza bhala barriera, dan il-fattur m'ghandux jittiehed in konsiderazzjoni. Min-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi jidher li huma stess accettaw li l-kalkoli jsiru fuq stima ta' €40,000 ghal nofs indiviz tal-ghalqa.

Il-qorti zzid billi tosserva li:-

i. Il-valur tal-art dikjarat fil-kuntratt ta' donazzjoni (15 ta' Mejju 2009 atti nutar Dr Mario Bugeja) ta' €10,000 m'huwiex kredibbli. Jekk wiehed kellu joqghod biss fuq dak li jigi dikjarat f'kuntratt ta' donazzjoni facilment ikollok il-kaz li testatur jaghmel uzu minn dan it-tip ta' att *inter vivos* sabiex jeludi l-jeddijiet li uliedu ghandhom skond il-ligi tas-successjoni.
ii. Fil-fehma tal-qorti l-mod idoneju sabiex il-konvenuta tikkontesta l-istima tal-perit tekniku kien mhux billi tipprezenta rapport ta' perit *ex parte* izda li tuza r-rimedju li toffri l-ligi, cjoe' talba ghall-hatra ta' periti perizjuri.

iii. F'cirkostanzi simili ghall-kaz odjern, il-qorti hi tal-fehma li ghandha tistrieh fuq l-opinjoni tal-perit tekniku meqjus li l-perit Carmel Cacopardo hu xhud *ex parte* li ma semmiex x'inhuma r-ragunijiet li wassluh biex jistma l-art ghas-somma ta' €50,000.

Fl-ahharnett il-qorti ma tistax tonqos milli tinnota li f'korrispondenza li giet skambjata bejn il-partijiet qabel bdiet il-kawza, jidher li l-konvenuta stess kienet ipproponiet li nofs il-valur tal-ghalqa hu ta' €40,000. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-ittra legali tal-5 ta' Marzu 2011 mibghuta mill-atturi bi twegiba ghall-ittra legali tal-konvenuta tat-2 ta' Frar 2011, fejn inghad: *"Dwar l-ghalqa ½ il-valur taghha ghall-ammont ta' Euro 40,000 qed jigi accettat."* (fol. 33). Dan qieghed jaghti lill-qorti x'tifhem li kienet il-konvenuta stess li pproponiet li n-nofs il-valur tal-art jigi stmat b'€40,000.

B'riferenza ghar-raba' u hames talba, dawn saru inutilment gialadarba wara l-emendi tal-2004 is-sehem rizervat m'ghadux jinghata *in natura* izda hu sempliciment kreditu (Artikolu 615 tal-Kodici Civili).

Mis-somma ta' €20,000[3] trid tonqos is-somma ta' €570[4]. Ghalhekk is-sehem rizervat hu ta' €19,430 li jfisser €3,886 ghal kull wiehed mill-atturi.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni. Spejjez a karigu tal-konvenuta.**

**2. Tilqa' l-ewwel talba.**

**3. Tastjeni milli tippronunzja ruhha dwar it-tieni eccezzjoni in kwantu l-atturi ma baqghux jippretendu li d-dar fis-Siggiewi tigi nkluza ghal finijiet ta' kalkoli tas-sehem rizervat.**

**4. Tichad ir-raba' eccezzjoni spejjez a karigu tal-konvenuta.**

---

[3] Peress li hemm hamest ahwa (Artikolu 616 tal-Kodici Civili).

[4] Spejjez li l-attrici qalet li hallset minn butha fir-rigward tal-funeral tal-omm (fol. 90), cifra li ma gietx kontestata mill-konvenuta.

**5. Tillikwida s-sehem rizervat fis-somma ta’ dsatax-il elf erbgha mija u tletin ewro (€19,430).**

**6. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lil kull wiehed mill-atturi s-somma ta’ tlett elef tmien mija u sitta u tmenin ewro (€3,886) bl-imghax min-notifika tar-rikors guramentat.**

**7. Tilqa’ l-hames eccezzjoni u tichad ir-raba’ u hames talbiet. Spejjez a karigu tal-atturi.**

**Spejjez, salv ghal dak li jissemmew hawn fuq, huma a karigu tal-konvenuta**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------